MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2004

Numru 812/2004

**CARMEL AGIUS**

**Illum 19 ta' Ottubru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmel Agius ta' 54 sena, bin Paul u Theresa nee` Pace, imwieled Marsaskala fl- 20 ta' Awissu 1959 u residenti: 70, Triq il-Lampuka, Paola; detentur tal-karta ta' identita bin-numru: 770449M gie akkuzat talli:

Fil-Belt Valletta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta' Settembru 2003, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozzizjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe`

ACE module (serial number: 52537) liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Minghajr awtorizzazzjoni ghamel reat kontra l-uzu mhux dovut tal-*Computer* waqt illi kien impjegat ma’ l-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku (PTA) billi gharraq it-thaddim ta’ xi sistema, software jew l-integrita` jew affidibilita` ta’ xi data; u billi installa, nehha, biddel, ikkancella, qered, varja jew zied ma’ xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg cioe` id-data kontenuta u dan bi ksur ta’ l-artikoli 337C(1)(e) u 337(1)(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. BZ3 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(1)(b), 337C(1)(e) u 337C(1)(g) tal-Ka. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Carmel Agius, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija,

wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Carmel Agius ghall-piena komplessiva ta’ sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Carmel Agius l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------